A.L. 23 ta' l-1987

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR

(ATT NRU. XV TA'L-1976)

Ordni ta' l-1987 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, l-Aġent President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1987 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-11 ta' Marzu, 1987.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) Id-dar numru 2, Triq Gardenia, *Neighbourhood* 1, *Estate* tad-Djar, Santa Luċija;

(b) Id-dar numru 55, Triq Fikus, *Estate* tad-Djar, Żabbar;

(ċ) Id-dar numru 24, Triq Ferdinando Falzon, Żurrieq;

(d) Id-dar numru 1, fl-*Area* 2, *Estate* tad-Djar, issa magħrufa wkoll bħala Triq William H. Prescott, Ta' Ġiorni.